PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

18.1.2010 0001/2010

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-glawkoma

**Frieda Brepoels, Françoise Grossetête, Vittorio Prodi, Antonyia Parvanova, Miroslav Ouzký**

Data ta' skadenza: 22.4.2010

**0001/2010**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-glawkoma**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi 9.25 miljun ruħ fl-UE jbatu mill-glawkoma, kondizzjoni li tagħmel il-ħsara lin-nerv ottiku, u twassal għal telf tad-dawl irriversibbli u eventwalment għall-għama,

B. billi dan in-numru se jiżdied għal 12.4 miljuni fl-2020 minħabba l-popolazzjoni li qed tixjieħ,

C. billi 50% tal-pazjenti jibqgħu ma jiġux dijanjostikati minħabba li s-sintomi joħorġu biss tard fil-proċess tal-iżvilupp tal-marda,

D. billi l-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti li jbatu mill-glawkoma tiġi affettwata ħażin ħafna bi tnaqqis fil-kapaċità li wieħed iwettaq l-attivitajiet ta' kuljum, u l-glawkoma hija t-tieni kawża prinċipali tal-għama fl-Ewropa,

E. billi huwa eħfef li l-glawkoma tiġi ttrattata fi stadju bikri tal-marda u l-ispejjeż ta' dan it-trattament jiżdiedu mas-severità tal-marda,

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex:

- jippromwovu l-prevenzjoni billi jappoġġaw kampanji ta' tqajjim tal-kuxjenza fost dawk li jipprovdu s-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-popolazzjoni,
- iħeġġu lill-Istati Membri biex jippromwovu dijanjosi u trattament bikrija billi jappoġġaw programmi ta' skrining immirati lejn il-gruppi fir-riskju,
- jagħtu spinta lir-riċerka Ewropea dwar it-titjib tat-trattament tal-glawkoma,
- jiffaċilitaw l-iskambju tal-aqwa prattiki fil-prevenzjoni, id-dijanjosi bikrija u t-trattament tal-glawkoma bejn l-Istati Membri kollha sabiex iċ-ċittadini Ewropej kollha jingħataw aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa ta' kwalità tajba;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-parlamenti tal-Istati Membri.